MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## SILVIO CAMILLERI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2012

Numru 183/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**

**v.**

**Joseph Zammit**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Zammit bin Anthony u Gezwalda nee` Zammit ID 93044 G, residenti 5, Triq Ghajn Mhelhel, Zebbug, Ghawdex talli f'dawn l-ahhar snin u qabel il-15 ta' Mejju 1999 ghamel zvilupp jew halla li jsir zvilupp fuq art li taghha huwa responsabbli minghajr il-permess ta' l-Awtorita' tal-Ippjanar ghal dan l-izvilupp konsistenti fi ftuh ta' barriera u qtiegh ta' gebel tal-franka fl-inhawi tal-Misrah limiti ta' San Lawrenz, Ghawdex kif ukoll ksur ta' l-ippjanar konsistenti billi ghandu estenzjoni tal-barriera u qed jitfa' materjal li jikkonsisti f'terrapien minghajr il-permess mehtieg u li barra minn hekk gie akkuzat ukoll talli fl-istess

zminijiet naqas li jobdi l-ordni tal-avviz biex jieqaf numru ECF/458/98/EMNU/NENF datat 9 t'April, 1998 sabiex iwaqqaf immedjatament l-imsemmi zviliupp u jittiehdu dawk il-passi sabiex jieqaf il-ksur u jregga lura s-sit ghall-istat originali u barra minn hekk naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi tal-Awtorita' kompetenti.

**2.** Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-28 ta' Marzu, 2012 li permezz taghha dik il-Qorti wara l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fil-verbal tas-seduta tas-26 ta' Ottubru 2011 sabet lill-imputat Joseph Zammit hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u kkundanntu ghall-hlas ta'  multa ta' ghoxrin elf euro (€20,000) u ordnatlu iregga s-sit lura ghal dak l-istat li kien qabel l-izvilupp illegali fi zmien tlett (3) xhur mid-data tas-sentenza okkorrendo l-hrug ta' permessi mehtiega skont il-ligi jekk applikabbli fuq penali ta' sittin Euro (€60) ghal kull jum ta' nuqqas u inoltre ikkundannatu ghal terminu ta' prigunerija ta' sitt xhur mid-data tas-sentenza liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sena mid-data tas-sentenza skont l-artikolu 28 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti mill-istess sentenza.

**3.** Rat ir-rikors ta' appell tal-imputat Joseph Zammit minnu prezentat fid-9 ta' April 2012, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermha fil-parti fejn sabet il-htija u tikkonfermha fil-parti fejn ikkundannat lill-imputat ihallas multa ta' ghoxrin elf ewro (€20,000) u fejn ikkundannatu sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena u tirrevokha f'dik il-parti fejn ikkundannat lil imputat iregga lura s-sit ghall-istat originali fi zmien tlett xhur taht penali ta' sittin ewro (€60) kuljum fin-nuqqas u altrimenti kemm il-darba din il-Qorti ma thassarx tali ordni tbiddilha fis-sens kif fl-aggravji spjegat

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**5.** Semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**6.** Il-fatti tal-kawza jistghu jigu riassunti kif gej:

Ghal xi zmien wara l-1992 izda qabel Mejju 1999 l-imputat kien jahdem barriera fl-inhawi tal-Misrah limiti ta' San Lawrenz Ghawdex. Din il-barriera kienet originarjament proprjeta ta' ommu li eventwalment ghaddiet ghand l-imputat b'wirt. Fiz-zmien li kienet qed tinhadem mill-imputat il-barriera giet estiza oltre l-konfini awtorizzati u beda jinxtehet materjal konsistenti f'terrapienu dan kollu minghajr il-permessi methiega. Fid-9 ta' April 1998 nhareg avviz biex jieqaf u ta' twettiq mill-Awtorita' tal-Ippjanar kontra l-imputat. L-avviz kien jehtieg lill-imputat jieqaf immedjatament mill-izvilupp u jregga lura s-sit ghall-istat originali fi zmien 21 gurnata. Illi fis-sena 2000 saret applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar ghas-sanzjonar tal-izvilupp li kien sar minghajr permess. Ix-xoghol mhux awtorizzat baqa' ghaddej anki wara l-avviz ta' twaqqif u inforzar.Fil-bidu kien hemm nuqqas ta' qbil dwar l-estensjoni tax-xogholijiet mhux awtorizzati izda eventwalment intlahaq qbil dwar din l-estensjoni mal-Awtorita'.

**7.** L-aggravju tal-appellant huwa limitat ghal-ordni tal-ewwel Qorti sabiex huwa jregga lura s-sit ghall-istat originali li kien fih taht penali ta' sittin ewro kuljum f'kaz li ma jaghmilx dan fi zmien tlett xhur peress li jirritjeni li hu impossibbli li s-sit jigi ritornat ghall-istat originali tieghu meta x-xoghol li sar kien jikkonsisti principalment fi skavar u tqattigh ta' blat.

**Ikkunsidrat:**

**8.** Il-Qorti hi tal-fehma li l-appellant ghandu ragun fl-aggravju tieghu. Jehtieg li l-awtorita' kompetenti fl-ordni ta' twaqqif u inforzar tkun konsapevoli ta' dak li tkun qieghdha tordna u ma ghandix tordna ghemil li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz ma jkunx possibbli li jitwettaq. Ma hux ghaqli li wiehed semplicement jirriproduci l-istess kliem minn ordni ghall-iehor minghajr riflessjoni dwar dak li effettivament ikun qieghed jigi

ordnat. L-ordni ta’ twaqqif u twettiq jordna lill-imputat sabiex “(iregga) lura s-sit ghal-istat originali fi zmien 21 gurnata” waqt li s-sentenza appellata ordnatlu jregga lura s-sit ghal dak l-istat li kien qabel l-izvilupp illegali. Fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz, bhal fil-kaz deciz bis-sentenza ta’ din il-Qorti fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Joseph Attard” tal-21 ta’ Ottubru 2011, din il-Qorti ma tistax tifhem kif dak ordnat qatt jista’ jsir. Huwa hafna aktar ragonevoli dak li gie verbalizzat quddiem l-ewwel Qorti fis-seduta tas-26 ta’ Ottubru 2011, li fiha l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, fejn jinghad “Li l-imputat ghandu obbligazzjoni ohra sabiex jimla ossia jordom il-partijiet li tqattghu oltre konfini”. L-ordni fis-sentenza appellata, izda, ma hux f’dan is-sens ghalex kif inghad l-imputat gie ordnat iregga lura s-sit ghal dak l-istat li kien qabel l-izvilupp illegali; haga li llum ma tistax issir. Spetta lill-awtoritajiet kompetenti li jfittxu li jinforzaw l-obbligazzjoni li fil-verbal tas-26 ta’ Ottubru 2011 il-partijiet qablu li ghandu l-imputat izda din il-Qorti ma tistax tikkonferma l-ordni kif moghti fis-sentenza appellata u ghalhekk l-aggravju tal-appellant qieghed jigi milqugh u l-Qorti sejra tirriforma s-sentenza appellata konformement mal-artikolu 56(2) tal-Att 1 tal-1992 u ma’ dak deciz fis-sentenza taghha tas-26 ta’ Ottubru 2011 fuq citata.

Ghall-motivi premessi l-appell tal-imputat appellant Joseph Zammit qieghed jigi milqugh u s-sentenza appellata qieghdha tigi riformata billi thassarha fejn ordnatlu jregga s-sit lura ghal dak l-istat li kien qabel l-izvilupp illegali fi zmien (3) xhur mid-data tas-sentenza appellata okkorrendo l-hrug ta’ permessi mehtiega skont il-ligi jekk applikabbli fuq penali ta’ sittin Euro (€60) ghal kull jum ta’ nuqqas u filwaqt li tikkonfermha fil-bqija tordna lill-appellant Joseph Zammit inehhi l-kawzi tar-reat u li jregga lura kull haga li saret minghajr permess billi minnufih jieqaf milli jkompli jhaffer fejn mhux awtorizzat b’dan li l-appellant jehel multa ta’ sittin (60) Euro ghal kull gurnata li n-nuqqas ikompli.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------